# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' Dicembru tas-sena 2001.**

**Numru   8**

**Avviz  numru  1126/00/SM**

**Thomas Smith Insurance Agency Limited bhala agenti tas-socjeta' estera SIAT kif surrogata fid-drittijiet ta' Corrine Gerada u l-istess Corrine Gerada.**

**vs**

**Raymond Saliba.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-30 t'Awissu tas-sena 2000 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas l-ammont ta' LM568.47,0 rapprezentanti in kwantu ghall-LM468.47,0 dovut lil Thomas Smith Insurance Agency Ltd bhala agenti ta'**

**SIAT kif surrogati fid-drittijiet ta' Corrine Gerada u in kwantu ghall-LM100 dovut lil Corrine Gerada billi dan hu l-ammont li hallset hi bhala excess u dan wara li jigi ddikjarat li l-konvenut kien unikament responsabbli minhabba negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku ghall-incident tat-traffiku li gara fis-16 ta' Settembru, 1998, f'Wied id-Dis, Medliena, bejn karozzi ABF-772 u HAP-037;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 29 t'Ottubru, 1998 u ittra ufficjali datata 17 ta' Dicembru, 1998 kontra tieghu u l-ispejjez tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment kontra l-insurance tieghu u bl-imghax legali;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-20 ta' Settembru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi:**

**a. Preliminarjament l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-ligi u**

**b. minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-konvenut ma kien involut f'ebda incident awtomobilistiku fis-16 t'Awissu, 1998;**

**2. Salvi eccezzjonijet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Ezaminat l-affidavit prodott;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident awtomobilistiku odjern sehh fis-16 ta' Settembru ta' l-1998 ghall-habta tal-11.00 a.m. f'ta' Stronka, limiti tal-Gharghur, u fih kienu involuti l-vettura tal-marka KIA vann bin-numru HAP-037 misjuq mill-konvenut u Toyota Land Cruiser bin-numru ABF-772 misjuq mill-attrici;**

2. **Illi l-attrici ssostni li rat lill-konvenut wieqaf fit-triq fuq indikata u meta saqet u wasslet ma genb il-vettura tieghu issostni li dan beda miexi l-quddiem u habat maghha;**

3. **Illi minn naha tieghu l-konvenut isostni li hu kien wieqaf u meta dawwar ir-rota biex ikompli jsuq giet l-attrici u dhalet fih;**

4. **Illi ghalkemm l-atturi ireklamaw l-ammont minnhom vantat fl-avviz odjern pero' d-dokumentazzjoni minnhom prodotta twassal biss ghall-erba' mija u disa' u hamsin Lira Maltin u seba' u disghin centezmu, (LM459.97,0), eskluz il-mitt lira Maltin, (LM100.00,0), bhala excess;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-incident awtomobilistiku de quo hu wiehed li bi ftit attenzjoni, prudenza u nuqqas ta' eghbusija ta' ras seta' facilment jigi evitat;**

**Illi jidher abbundantement assodat li z-zewg konducenti involuti riedu li jkunu l-padruni assoluti tat-triq, haga li m'hux konsiljabbli;**

**Ghaldaqstant, din il-qorti hi sodisfatta li z-zewg konducenti involuti huma ugwalment responsabbli ghall-akkadut u konsegwentement:**

1. **Tiddikjara lill-konvenut Raymond Saliba u lill-attrici Corrine Gerada ugwalment responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;**

**2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta' hames mija u disa' u hamsin Lira Maltin u seba' u disghin centezmu, (LM559.97,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Raymond Saliba biex ihallas nofs dan l-ammont hekk likwidat, cioe' l-ammont ta' mitejn u disa' u sebghin Lira Maltin u disa' u disghin centezmu, (LM279.99,0), bl-ispejjez jinqasmu b'mod ugwali bejn iz-zewg kontendenti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**